**8 ta' Frar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. H. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Lorenzo Dimech et.

*versus*

Giuseppe Dimech et.

**Soprassessjoni — Digriet — Appell — Art. 227 tal-Kap. 15.**

*Jekk f'kawża l-konvenut jissolleva kwistjoni u jallega li din għandha tiġi deċiża f'ġudizzju separat, u l-Qorti tissoprassjedi u taghti żmien lill-konvenut biex jiddeduċi din il-kwistjoni f'ġudizzju separat u tħalli l-kawża "sine die" sakemm jiġi deċiż dak il-ġudizzju separat, u l-attur ma jappellax minn dan id-digriet, u mbgħad, meta l-konvenut jiddeduċi dik il-kwistjoni fil-ġudizzju separat, l-attur jeċċepixxi li l-kwistjoni issa dedotta hija nvoluta fl-ewwel ġudizzju fejn ġiet imqajma, u li għalhekk dan it-tieni ġudizzju huwa ozjus u inutilment dispendjuż u l-azzjoni hija kwindi inattendibbli, u hu għandu jiġi liberat "ab observantia", u l-Qorti tirriġetta din l-aħħar imsemmija eċċezzjoni, l-appell tiegħu biex tiġi revokata s-sentenza li rrespinġiet din l-aħħar eċċezzjoni tiegħu mhux attendibbli.*

*Għaliex, ladarba huwa ma appellax qabel is-sentenza definittiva mid-digriet li ordna s-soprassessjoni, ma jistax jimpunja dak id-digriet, qabel is-sentenza definittiva, bl-eċċezzjoni li hu qajjem fit-tieni ġudizzju u li ġiet respinta mill-Ewwel Qorti. Dak id-digriet seta', qabel is-sentenza definittiva, jiġi mpunjat b'rikors fi żmien jumejn; u la darba dak id-digriet ma ġiex hekk impunjat, l-istess digriet għadu fil-kors tiegħu, għax appell minnu kif hu preskritt mil-liġi ma sarx. Jekk isirx appell jew le wara s-sentenza definittiva, jew kawża oħra (salva kull kontestazzjoni), hija kwistjoni oħra.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' Lorenzo u Carmelo

aħwa Dimech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti neċessarji, peress li fil-kawża nru. 41 1951, differita minn din il-Qorti "sine die" sakemm issir il-kawża preżenti, hemm it-talba għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' Francesco u Ġenesja ġa konjuġi Dimech, li fih huma nteressati l-kontendenti, u fit-trattazzjoni tal-istess kawża qamet il-kwistjoni fuq min hu l-proprjetarju tal-għalqa "tal-Grazzja" u dik "ta' Gandolf"; u peress li dawn iż-żewġ għelieqi huma ta' proprjetà taż-żewġ instanti u tal-konvenut Giuseppe Dimech, terza parti kull wieħed u ż-żewġ atturi għandhom ukoll kreditu ta' £240 u imgħax fuq waħda minnhom; talbu (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-instanti u l-konvenut Giuseppe Dimech għandhom ugwalment bejniethom it-tlieta l-proprjetà taż-żewġ għelieqi, waħda magħrufa bħala "tal-Grazzja", ir-Rabat, Għawdex, kuntrada "tal-Belligħa", tal-kejl ta' . . . . . tmiss mil-lvant . . . ., u l-oħra "tal-Gandolf", tal-kejl ta' . . . . . tmiss minn nofs inhar . . . . . .; fuq liema żewġ għelieqi l-istess atturi u Giuseppe Dimech xtraw id-drittijiet kollha illikwidi fl-atti tan-Nutar Ettore Francesco Vassallo tat-18 ta' April 1939 (dok. A); u (2) li jiġi dikjarat illi s-somma ta' £240 li Francesco Dimech, missier l-atturi, ħareġ b'self kawtelat b'antikresi a favur ta' Carmelo Sammut fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri tad-9 ta' Lulju 1931 kienu ġew versati miż-żewġ atturi lill-istess Francesco Dimech bl-inkariku li dan għan-nom tagħhom jikkuntratta l-istess self u antikresi fuq l-għalqa "tal-Grazzja" fuq imsemmija, u li għalhekk, għalkemm apparentement l-istess self u antikresi saru b'isem Francesco Dimech, fil-fatt dak il-kapital u drittijiet antikretiċi jmissu esklużivament liż-żewġ atturi; billi jiġi ordnat, okkorrendo, li jsir il-kuntratt meħteġ, bl-intervent ta' kuratur għall-kontumaċi biex issir id-dikjarazzjoni a tenur ta' din it-tieni domanda, u għalhekk tinskrivi ruħha n-nota ta' riferenza meħtieġa biex ikunu l-istess atturi dikjarati kredituri tal-istess self u drittijiet antikretiċi; liema kuntratt isir fil-ħin jum u lok li tordna din il-Qorti, u jiġi pubblikat minn nutar li jkun nominat għal dan l-iskop. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li ssottomettew li b'ċitazzjoni nru. 41/1951, fl-ismijiet "Giovanni Abela et, vs. Carmelo Dimech et.", l-atturi talbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assijiet ta' Francesco u Genesja ġa konjuġi Dimech; dan huwa ġudizzju magħruf bħala "familiae erciscundae", li għandu bħala oġġett l-"universum jus defuncti"; huwa ġudizzju doppju per eċċellenza, u fih jiġu ventilati l-kwistjonijiet kollha relattivi għall-eredità u suċċessjoni tad-decujus, u kwindi fl-istess ġudizzju tinsab involuta anki l-azzjoni l-lum eżerċitata mill-atturi, li għalhekk hija ożjuża, ta' dispendju ta' spejjeż inutili, u kwindi inattendibbli. Il-konvenuti qalu wkoll li, mingħajr preġudizzju tal-premess, ir-raba' "tal-Grazzja" u "ta' Gandolf" jiffurmaw parti mill-assijiet in kwistjoni, kif ġie stabbilit fil-perizja adoperata fuq imsemmija. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Novembru 1959, li biha ddeċidiet billi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni opposta mill-konvenuti u ddifferiet il-kawża biex titkompla fil-meritu; bir-riżerva tal-ispejjeż għall-ġudizzju finali; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn. B'ċitazzjoni numru 41/1951 Giovanni u Giuseppa . . . . . talbu fil-kontestazzjoni ta' Carmelo . . . . . . , barra affarijiet oħra, il-likwidazzjoni u firmazzjoni tal-komunjoni talakkwisti, tant tal-ewwel żwieġ ta' Dionisia nee Cordina ma' Francesco Dimech, kif ukoll il-likwidazzjoni u diviżjoni talassijiet rispettivi tal-imsemmija Francesco u Dionisia ġa miżżewġin Dimech. B'digriet tal-24 ta' Ottubru 1951 din il-Qorti nnominat bħala perit legali lill-Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier, li b'digriet ieħor tas-26 ta' Novembru 1952 ġie sostitwit bl-Avukat Dr. Paolo Mercieca, li fid-29 ta' Jannar 1958 ippreżenta relazzjoni parzjali, fejn illikwida l-kumpens dovut għas-serviġi reżi mill-konvenuti Lorenzo u Carmelo aħwa Dimech u minn Dolores Dimech mart l-istess Carmelo. Fit-13 ta' Mejju 1958 il-proċess ġie rimess lill-perit legali biex ikompli l-inkarigi lilu mogħtija kif kienu qablu l-partijiet. Iżda, meta kien għoddu wasal biex jestendi r-relazzjoni, il-perit legali, fis-seduta tal-

20 ta' Mejju 1959, informa lill-Qorti li l-konvenuti kienu ssollevaw kwistjoni preliminari li trid tiġi deċiża qabel il-meritu ta' din il-kawża, u Dr. Anton Calleja u Dr. Giuseppe Pace, difensuri tal-konvenuti, iddikjaraw li huma kienu sejrin jipproponu l-azzjoni opportuna. Kien għalhekk li din il-Qorti, b'digriet tal-istess data ipprefiġġiet lill-istess konvenuti xahar żmien biex jiddeduċu d-dritt tagħhom u ddifferiet il-kawża "sine die". In ottemperanza għal dan l-aħħar ordni, il-konvenuti ppreżentaw iċ-ċitazzjoni odjerna fil-11 ta' Ġunju 1959, ċjoè matul il-kors tat-terminu lilhom prefiss;

**Ikkunsidrat**, fuq l-inċident proċedurali sollevat mill-konvenuti fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, illi l-Qrati Tagħna kellhom okkażjoni jippronunzjaw ruħhom diversi drabi;

Illi fil-kawża "Attard vs. Agius et.", deċiża fil-31 ta' Ottubru 1952 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Vol. XXXVI-II-540), ingħad li ma hemm xejn kontra l-liġi li l-provi dwar is-serviġi reżi lid-decujus isiru fil-kawża tal-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali u tal-assijiet partikulari; u dan għaliex (a) il-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens tinfluwixxi fuq il-likwidazzjonijiet tal-assijiet imsemmija, u (b) fil-ġudzzju "familiae erciscundae" jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt;

Illi ta'.min jirrileva li ċ-ċitazzjoni tal-kawża issa ċitata kellha bħala domanda separata u distinta l-aċċertament ta' legat, kif ukoll il-konsistenza tiegħu;

Illi opinjoni konformi esprimiet l-imsemmija Qorti Ċivili fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 1939 in re "Pirotta vs. Preca" (Vol. XXX-II-203), u ċjoè li l-"actio familiae erciscundae" tolqot "omne jus quod defunctus habuit", u għalhekk tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha tal-wirt, u fil-likwidazzjoni tikkomprendi wkoll il-kwistjonijiet tal-legati, tan-nullità parzjali jew totali, u tar-riduzzjoni tagħhom. Similment irriteniet il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-sentenza fl-ismijiet "Farrugia utrinque" tal-5

ta' Frar 1936 (Vol. XXIX-I-466); "Kuntratt jista' jiġi kombattut fl-istess ġudizzju ta' likwidazzjoni tal-assi";

Illi r-regola ġenerali hija li huwa ġust, biex jiġu evitati ħafna ġudizzji, spejjeż u telf ta' żmien, li l-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw likwidazzjoni ta' assijiet konjugali jiġu eżaminati fl-istess ġudizzju (App. "Galea et. vs. Attard et.", 14.2.1931, Vol. XXXI-I-19);

Illi ġie deċiż ukoll li meta l-kwistjoni, aktar milli waħda ta' aċċertament tal-massa dividenda, hija prevalentement waħda ta' aċċertament ta' trafugament ta' sustanzi tal-assi, li tista' tippreżenta aspetti ġuridiċi speċjali, sewwa fl-intavolament tagħha kemm fil-kontestazzjoni, hija prattika tal-Qrati li jordnaw azzjoni appożita li fiha l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa "ad hoc" (P.A. "Portelli utrinque" 24.1.1948, Vol. XXXIII-II-190);

Illi fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, mill-prinċipji fuq esposti għandu jiġi konkjuż li, għalkemm mhux kontra l-liġi li l-kwistjonijiet kollha relattivi għall-wirt jiġu diskussi u deċiżi f'ġudizzju wieħed, però dan ma jfisserx li l-istess liġi tipprojbixxi li l-Qorti tordna diversament, b'mod li l-azzjoni li tiġi ntavolata wara dik id-direttiva tkun nulla jew altrimenti illegali għax kuntrarja għal xi dispożizzjoni tal-liġi;

Illi hija ġurisprudenza sekolari tagħna li tista' tiġi dekretata s-soprassessjoni ta' kawża meta dan il-provvediment ikun fil-fehma tal-Qorti spedjenti, bħal, per eżempju, meta jkun xieraq li l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa; u hu paċifikament ammess li s-soprassessjoni huwa provvediment ordinarju rimess għad-diskrezzjoni tal-ġudikant skond iċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull każ (App. "German vs. Scicluna", 23.6.1869. Vol. V paġ. 157; P.A. "Bugeja vs. Zammit", 23.1.1946, Vol. XXXII-II-197; App. Inf. "Galea utrinque", 23.4.1955, Vol. XXXIX-I-467);

Rat fil-fol. 20 in-nota tal-appell tal-konvenuti Giuseppe Dimech, Giovanni Abela, Giuseppa armla ta' Giorgio Dimech, u Francesco Abela, u rat fol. 22 il-petizzjoni tagħ-

hom, li biha talbu r-revoka tal-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Għawdex Superjuri Ċivili fl-4 ta' Novembru 1959, billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-appellanti u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravati ma nterponewx appell, qabel is-sentenza definittiva, mid-digriet li bih il-kawża nru. 41/1951 ġiet differita "sine die" sakemm issir il-kawża preżenti;

Illi l-appellanti ma jistgħux issa jimpunjaw dak id-digriet, qabel is-sentenza definittiva, bl-eċċezzjoni li ġiet respinta mill-Ewwel Qorti; għax il-mezz ta' impunjazzjoni ta' digriet simili hu kif indikat fl-art. 227 Kap. 15. L-appell fi żmien jumejn ma sarx. Jekk isirx jew le appell wara s-sentenza definittiva, jew kawża oħra (salva kull kontestazzjoni), "est videndum";

Kwantu għad-domanda għas-sospensjoni, verbalizzata l-lum, ladarba, "rebus sic stantibus", appell sa issa minn dak id-digriet ma sarx, għalhekk l-istess digriet għandu jkollu l-kors tiegħu, u konsegwentement dik id-domanda tas-sospensjoni ma tistax tiġi atteża;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell, u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellanti.